MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 183/2013

Mobisle **Communications Limited**

**Vs**

**Lawrence FARDELL [ID. Nru. 84984M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-25 ta' Marzu, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf mija tlieta u sebghin euro u erbgha u tletin ċenteżmu ta' euro [€1,173.34c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf, mija u tlieta u sebghin ewro u erbgha u tletin ċenteżmi (€1173.34) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51127444 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi t-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-l-eccipjenti ma ghamilx uzu minn servizzi fl-ammont reklamat fit-talba promotrici tas-socjeta rikorrenti.

Illi di piu u minghajr preġudizzju ghal premess, l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa eċċessiv.

B'riserva ghal eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti"

Ra l-verbal datat 19 ta' Gunju, 2013 fejn is-socjeta rikorrenti ddikjarat li "*l-intimat kien qieghed jaghmel kien qieghed jaghmel uzu minn mobajl phone tat-tip Samsung u dan kif hemm indikat fid-dokument anness mal-avviz,* fil-waqt li l-intimat "*jiddikjara li ghalkemm huwa jaqbel li kien qieghed juża dan is-servizz u l-imsemmi mobajl mhuwiex jaqbel mal-kont mibghut lilu*

Ra l-verbal tat-8 ta' Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat is-somma ta' €1,173.34c in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni minnha pprovdut. L-intimat da parti tieghu iddefenda lilu nnifsu billi qal li huwa ma ghamilx uzu mis-servizzi reklamati u li apparti dan kollu l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa eċċessiv.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013 **xehed l-intimat**. Beda biex qal li ma jaqbilx mal-kontijiet li ssottomettiet is-socjeta rikorrenti. Kompla jghid li "*meta kont qed nircievi dawk il-kontijiet b`dawn l-ammonti jiena kont mort u kont hallejtilhom il-mobile hemmhekk gewwa l-ufficini tas-socjeta' rikorrenti f`Rahal Gdid u kont offrejtilhom li nhallas dak li kien dovut minni sa` dak inhar*" (fol. 41). Qal li kien lest li jhallas is-somma ta' €250 u li xtaq iwaqqaf kollox peress li kien qieghed jirċievi kontijiet mhux xierqa. Zied ighid li "*wara li hallejtilhom il-mobile fuq il-mejda ta` l-ufficini ta` Rahal Gdid jiena ma ergajtx uzajt is-servizz tas-socjeta' rikorrenti*" (fol. 41).

In kontro-ezami, huwa qal li ma kellux idea meta kien mar fl-istabbilment tas-socjeta rikorrenti gewwa Rahal Gdid. Huwa qal li mill-kontijiet esebiti jaqbel li dak li hemm a fol. 15 tal-process ghandu jhallsu[1]. Qal li kien f'dan iz-zmien li huwa mar ghand is-socjeta rikorrenti u infurmaha li kien hemm xi haga hazina u dan peress li kien qieghed jircievi kontijiet kbar. Qal li kien icempel hafna bil-mobile. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument li kien hemm esebit mat-talba promotrici. Meta ffirma d-dokument li hemm a fol. 3 tal-process, huwa nghata *mobile phone* tad-ditta Samsung. Qal li "*ma nafx jekk meta ffirmajt kontx naf ghar-rigward tal-penali*" (fol. 42). Qal li "*lili hadd ma qalli mis-socjeta' rikorrenti li hemm din il-kwestjoni tal-penali*" (fol. 42). Zied ighid li huwa jaqbel "*illi fuq id-dokument li kien hemm meta jiena hadt, meta jiena ffirmajt il-kuntratt hemm il-firma tieghi u naqbel ukoll illi fuq dak il-kuntratt hemm il-penali. Dan il-kuntratt kien wiehed ta' sentejn (2) ossia ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar*" (fol. 42). Mistoqsi jekk kienx ghadu qed juza l-*mobile* f'April u f' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa ma kienx jaf iwiegeb ghal din il-mistoqsija. Qal li meta mar Rahal Gdid huwa kien hallielhom il-*mobile* bis-*sim card* b'kollox.

3. **Simone Ellul,** rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet fl-20 ta' Novembru, 2013. Hija qalet li *itemization bill* ghal dan il-kont ma jezistix u dan peress li qatt ma kien intalab u allura ma huwiex disponibbli. Lanqas ma tinzamm data fuq is-*servers* tas-socjeta rikorrenti. Ghar-rigward ta' l-allegazzjoni tal-intimat u cioe li huwa kien ha l-*mobile* u hallieh fl-istabbiliment tas-socjeta rikorrenti gewwa Rahal Gdid, ix-xhud qalet li

[1] L-ammont li hemm fil-kont li jinsab esebit a fol. 15 tal-process huwa fl-ammont ta' €248.57c

"*jiena vverifikajt ukoll mal-istores taghna u kkonfermawli illi l-mobile li kien ha l-intimat qatt ma gie ritornat hemmhekk*" (fol. 45). Ziedet tghid li "*l-procedura normali hija li jekk xi hadd jigi u jitlaq mobile go branch u jhallih hemmhekk dak jintbaghat l-istores sabiex ikun registrat*" (fol. 45). Ikkonfermat li da nil-*mobile* li l-intimat qieghed jghid li thalla fl-istabbiliment taghha ma jinsabx fl-*istores*.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Irrizulta li fid-29 ta' Settembru, 2010 l-intimat kien iffirma kuntratt mas-socjeta rikorrenti ghal perjodu ta' sentejn (fol. 3). Skond dan il-kuntratt "*Should the Tariff Plan/s, Subscription, Package, MSISDN or Data Solution selected be migrated, terminated or amended in any way before 24 months from the date of this Agreement, GO mobile reserves the right to charge a penalty fee equivalent to 100% of the discount mentioned hereunder*". Dan id-discount gie indikat, fl-imsemmi kuntratt, fl-ammont ta' €200. L-intimat inghata *mobile phone* tad-ditta SAMSUNG tip S5230W.

5. Irrizulta ukoll li dan il-ftehim gie terminat mis-socjeta rikorrenti fl-14 ta' Settembru, 2011 u li l-kont kien gie sospiz wara li s-sim giet blukkata fid-9 ta' Gunju, 2011 (approssimattivament). It-tariffa maghzula, skond il-kuntratt esebiet kienet dik li l-intimat kellhu jhallas s-somma ta' €40 fix-xahar. Gara li l-intimat pero, kif ammess minnu, kien icempel "*... hafna bil-mobile*" (fol. 42) u kien jonfoq ferm iktar mill-ammont ta' €40.

6. L-intimat fl-eccezzjonijiet tieghu jghid li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li huwa ma ghamilx uzu mis-servizzi tas-socjeta rikorrenti fl-ammont reklamat. Qal ukoll li l-ammont reklamat huwa wiehed eccessiv. It-Tribunal jirreferi ghad-dikjarazzjoni ta' l-intimat li huwa jaccetta li ghandu jhallas l-ammont ta' €248.57 indikat fil-kont li hemm esebit a fol. 15 tal-process. Jghid pero li huwa ma huwiex lest li jhallas il-kumplament tal-kontijiet. L-intimat ighid li huwa kien ha l-*mobile phone* fl-istabbiliment tas-socjeta rikorrenti gewwa Rahal Gdid u halla dan il-*mobile phone* bis-*sim card* gewwa dan l-istabbiliment. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti Simone Ellul tghid li hija vverfikat ma' l-*istores* tas-socjeta rikorrenti u ma sabitx il-*mobile* li l-intimat qed jghid li halla fl-istabbiliment taghha gewwa Rahal gdid. Meta gie mistoqsi meta kien halla dan il-*mobile phone* fl-istabbiliment ats-socjeta rikorrenti, l-intimat wiegeb u qal li "*ghandi nghid illi jiena kont mort fis-sajf f'dan l-istabiliment pero ma nafx ezatti meta. Jista jkun fis-sena elfejn u ghaxra. Jista jkun li mort fis-sena tal-World Cup pero ma ghandix amment*" (fol. 42). Sussegwentement qal li kien mar fl-istabbiliment tas-socjeta rikorrenti li jinsab gewwa Rahal Gdid meta kien ircieva l-kont li hemm esebit a fol. 15 tal-process. Dan il-kont igib id-data tal-5 ta' Marzu, 2011.

7. It-Tribunal ma huwiex sodisfatt mill-ispjega ta' l-intimat f'dan il-kaz ma huwiex konvint li l-intimat ma baqax juza l-*mobile phone* wara li huwa kien ircieva l-kont datat 5 ta' Marzu, 2011. L-intimat messu qad iktar attentent u talab ricevuta tal-*mobile* li huwa jghid li halla warajh fl-istabbiliment tas-socjeta rikorrent gewwa Rahal Gdid u mhux ihallieh hemm qisu xejn mhu xejn. Ghal dan in-nuqqas jahti biss l-intimat u hadt izjed.

8. Pero ghar-rigward tal-kontijiet li s-socjeta rikorrenti tghid li huma dovuti mill-intimat wara d-9 ta' Gunju, 2011 t-Tribunal jghid li dawn ma humiex dovuti minnu l-ghaliex kif tistqarr l-istess socjeta rikorrenti fid-9 ta' Gunju, 2011 (approx) l-"*account was suspended following simblock*" (fol. 5). Huwa minnu li l-kuntratt gie terminat fl-14 ta' Settembru, 2011 pero mid-9 ta' Gunju, 2011 il-quddiem, l-intimat ma setax jibqa juza dan il-*mobile phone* l-ghaliex is-*sim card* kienet giet bblukkata. Ghalhekk, mill-ammont reklamat sejjer jitnaqqas l-ammont ta' €185.73c[2]. Konsegwentement, it-Tribunal qieghed isib li l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €987.61c[3].

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat kull fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament fl-ammont ta' disa mija sebgha u tmenin euro u wiehed u sittin ċenteżmi ta' euro [€987.61c] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' disa mija sebgha u tmenin euro u wiehed u sittin ċenteżmi ta' euro [€987.61c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

---

[2] L-ammont ta' €44.29 ghal erba' (4) darbiet jiġi €177.16 + €8.57 = €185.73 (ara fol. 4).

[3] L-ammont oriġinarjament reklamat ta' €1,173.34 - €185.73 = €987.61

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------